Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 3/2026

16 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:
Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**3.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 2.1.5 (mobile unit pressjoni u demm) kienu biddlu l-ħin u issa għandhom jiġu nhar il-Ġimgħa 17 ta' April bejn id-9:00am u s-2:30pm.

3.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 2.2.4 (appell Qorti PC 56/22) kienu tawna appuntament għal kawża għall-4 ta' Mejju 2026.

3.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 2.3.3 (Mużew tas-subien) kien tkellem mas-Superjur minħabba li kienet qed tingħalaq it-triq fil-ħinijiet tal-mużew tas-subien. Is-Sindku qal li l-mużew tas-subien jiftaħ it-Tnejn u l-Ħamis u l-ħin l-aktar gravi kien bejn is-6:15 u is-6:30pm. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibagħtu l-*Community Police* sabiex jitnaqqas l-abbuż.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-problema tad-deliverymen li qed jgħaddu *wrong side* minn Triq San Tumas u qabel li dawn jistgħu jgħaddu minn toroq alternattivi u li ser nibaghtu l-*Community Policemen* ukoll.

3.1.4 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Joanna Abdilla rigward ref punt 2.3.5 (via sagra) jekk kienx ser ikun hemm bżonn ir-road clearance. Il-Kunsilliera kkonfermat li l-Kappillan kien applika għal permess tal-pulizija u li s-sena l-oħra il-permess għal *No Parkings* kien sar mill-Pulizija.

3.1.5 Il-Viċi Sindku staqsa ref punt 2.3.2 (tabella *motor cycle bay*). Is-Sindku kkonferma li jekk ma kienx hemm tabella fl-istore il-Kunsill kellu jordna waħda.

**3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.2.1 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu, 2026 kien attenda laqgħa *onsite* fi Triq Qerd in-Naħal. Huwa kkonferma li daqt kienu ser jibdew ix-xogħolijiet f'din it-triq iżda kien għad m'għandhom data preċiża. Is-Sindku qali li meta jkollhom id-data definittiva kienu ser javżawna biex aħna imbaghad inkunu nistgħu navżaw lir-residenti.

3.2.2 Is-Sindku ressaq żewġ kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jagħmel it-totems bid-*directional arrows* għal benefiċċju tal-ħwienet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħżlu l-orħos offerta.

3.2.3 Is-Sindku qal li xi residenti minn Triq Dun Gużepp Caruana kienu talbuh sabiex issir *Sleeping Police* in-naħa tal-iskola. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir l-*sleeping police*.

3.2.4 Is-Sindku qal li fi Triq Dun Karm Lia sid id-dar faċċata tal-*Convenience Store*, xi sewwieqa kienu qed jitilgħu l-bankina quddiem id-dar tiegħu bil-konsegwenza li jkissru l-kapitella tad-drenaġġ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nitkellmu miegħu sabiex naraw jekk jaqbilx li nagħmlulu inspection tal-ħadid minflok kapitella.

3.2.5 Is-Sindku qal li kien irċieva lment li fi Triq San Pawl fejn l-ispiżerija kien hemm periklu kbir. Is-Sindku qal li qabel kellna *zebra crossing* li tneħħiet u ssuġġerixxa li terġa' ssir. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li sabiex ma jintilifx parkeġġ u minħabba li parti mill-bankina kienet dejqa wisq biex isir il-pole tad-dawl, niċċekkjaw jekk hux possibbli li ż-żebra crossing terġa' ssir fejn kienet qabel.

**3.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

3.3.1 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal li ħdejn l-ispiżerija *Pasteur Pharmacy* kien hemm problemi kbar ta' parkeġġ ħdejn l-ispiżerija. Huwa qal li l-Kunsill seta' jsolvi din il-problema billi japplika għal *Reserved parking* għat-tobba biss fiċ-ċirku ta' madwar l-ispiżerija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel nitolbu permess minn *Transport Malta*.

3.3.2 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal li *Żurrieq Road* kienet kompletament bla dawl. Is-Sindku kkonferma li din il-ħsara kienet ġiet irrappurtata u spjega x'kien ġara.

3.3.3 Il-Viċi Sindku Francis Callus qal li peress li s-Segretarju Eżekuttiv kienet ser tispiċċa l-Kunsill kellu jieħu ħsieb u jipprepara sabiex ma naqgħux lura. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill diġa' kien ghamel kuntatt mad-dipartiment sabiex meta jkun il-ħin opportun nibdew naħsbu biex noħorġu s-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ġdid.

3.3.4 Il-Kunsilliera Claire Zammit ressqet proposta tal-Fond Kulturali ta' €10,000 wara konsultazzjoni mal-għaqdiet tar-raħal:

| Data: | Organizzata: | Attivita': | Deskrizzjoni: | Dettalji tal-ispejjeż: | Total: |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 Marzu – 3 April '26 | Każin Banda San Pawl | Wirja EGO SUM | Ras u idejn għal statwa life size għaċ-ċena | Partijiet minn Statwa €500 | €500 |
| 28 Marzu 2026 | Kor Sine Macula | Kunċert tar-Randan – It-Triq il- | Choir concert | Kor 400 Pjanist mużiċisti u | €760 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Verita' u l-Ħajja | | vuċijiet €360 | |
| 30 Marzu 2026 | Każin Banda San Pawl | Via Sagra Animata | Props għall Via Sagra | Propos €500 | €500 |
| Ottubru u Novembru 2026 | Kor Sine Macula | Kunċert | Possibbilment fil-ġnien ta' Ball jew fejn Sta Marija | Kor €400; Pjanisti, mużiċisti u vuċijiet €460 | €860 |
| Diċembru 2026 | Kor Sine Macula | Kunċert tal-Milied | Fil-Knisja ta' Ħal Safi | Kor €400; pjanista u vuċijiet €240; Mużicisti u banda €430 | €1070 |

Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dawn l-inizjattivi.

3.3.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ssuġġeriet li fit-tarf nett tas-service road ta' Triq il-Kuċċard issir *Sleeping Police*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill japlika għal *sleeping police* biex jitnaqqas il-periklu.

3.3.6 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li anka huwa kien irċieva suġġeriment sabiex fejn il-bring in site fi Triq Qerd in-Naħal issir *sleeping police*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha issir sleeping police pero' din m'għandiex teħel qabel ma ssir it-triq mill-ġdid minn *Infrastructure Malta*.

3.3.7 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk nhar is-Sibt 4 ta' April, 2026 setgħux jagħmlu użu minn *Ġnien Alexander Ball* sabiex issir *Egg Hunt*. Il-Kunsill qabel.

## 3.4 Sejħa għal Fattiga tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntratt tal-*Cleaner* tal-Kunsill kien skada u li kien jinħtieġ li l-Kunsill joħroġ sejħa għal fattiga ġdida. Saret diskussjoni. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jimpjega fattiga fuq bażi *full time* (*with reduced hours*). Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.5 Approvazzjoni Grawnd Attendant Ġdid

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet reġgħet ħarġet avviż sabiex naraw min hu nteressat jibda jiftaħ u jagħlaq il-grawnd tal-futbol. Hija kompliet tgħid li persuna waħda uriet interess. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naċċettaw din l-offerta u ngħidulu li jista' jibda.

## 3.6 Jum Ħal Safi

3.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijijiet li l-Kunsill kien irċieva minħabba l-catering għar-riċeviment tal-Ħadd għal Jum Ħal Safi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nmorru għal orħos kwotazzjoni.

3.6.2 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li hija kienet għamlet kuntatt mal-kantanti li għandna fil-lokal u li tnejn minnhom kienu aċċettaw li jieħdu sehem.

Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li hija kienet għamlet kuntatt mal-mentors tal-Kunsill Lokali tat-tfal pero' sa issa ma kinux tawha risposta.

3.6.3 Is-Sindku qal li f'laqgħa preċedenti l-Kunsill kien approva li s-Sur Alfred Polidano u s-Sur Joe Camilleri jingħataw rikonoxximent għaliex kienu ddistingwew ruħhom fil-qasam tax-xogħol tagħhom. Apparti minn dawn, issa kien ser jissuġġerixxi wkoll lil:

Direttur DLG - Marisa Pisani

President tal-AKL - Sur Mario Fava

Sur Alexander Calleja Zammit

sabiex jingħataw apprezzament għaliex il-Kunsill dejjem kien qed isibhom ta' spalla fix-xogħol tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta.

Il-Kunsillier Kurt Debono ssuġġerixxa li s-Sur Frans Zammit jingħata rikonoxximent għaliex kien iddistingwa ruhu fejn tidħol il-kultivazzjoni tat-tadam. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ukoll ma dan is-suġġeriment.

## 3.7 Finanzjament – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi suġġeriment għal din l-inizjattiva. Ħadd ma kellu suġġeriment/i u għalhekk il-Kunsill qabel li tiġi diskussa f'laqgħa fil-futur.

**3.8 Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità**

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi suġġeriment għal din l-inizjattiva. Ħadd ma kellu suġġeriment/i u għalhekk il-Kunsill qabel li tiġi diskussa f'laqgħa fil-futur.

**3.9 Finanzjament – Karnival 2027**

Is-Sindku qal li minn naħa tad-direttorat kienet reġgħet ħarġet l-Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2027. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u l-attivitajiet li kienu saru waqt Karnival 2025 u 2026 u fejn wieħed jista' jtejjeb l-attività sabiex dejjem inkomplu ntejbu l-attivitajiet li jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu napplikaw għal din l-iskema sabiex is-sena d-dieħla nkunu nistgħu nieħdu sehem fil-Karnival għal darba oħra.

**3.10 Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026**

Is-Sindku ressaq l-inizjattiva sabiex issir l-Attività Kulturali Annwali għal din is-sena. Is-Sindku spjega li għal din l-inizjattiva l-Kunsill normalment japplika sabiex ikollna fondi biżżejjed biex nagħmlu *Festa Familja* f'Novembru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nerġgħu napplikaw sabiex norganizzaw l-attività *Festa Familja* nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru, 2026.

**3.11 Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa**

Is-Sindku ressaq l-Iskema Lokalitajiet aktar nodfa lill-Kunsillieri. Is-Sindku qal li għal din l-iskema l-Kunsill dejjem kien qed japplika biex jitnaddaf ir-rural u li s-sena l-oħra l-Kunsill kien applika flimkien ma' *Reġjun Punent*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna napplikaw biex jitnaddaf ir-rural nhar is-Sibt 26 ta' Settembru, 2026 u li nerġgħu napplikaw flimkien mar-Reġjun.

**3.12 Finanzjament – Milied 2026**

Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi suġġeriment għal din l-inizjattiva. Ħadd ma kellu suġġeriment/i u għalhekk il-Kunsill qabel li tiġi diskussa f'laqgħa fil-futur.

**3.13 Korrispondenza**

Is-Sindku qal li persuna fit-triq bejn Triq ta' Rqajja u Triq l-Ibraġġ kien fetaħ bieb fi triq mingħajr isem u għalhekk kien qed ikollu ħafna problemi tal-posta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibgħatu lil *Street Naming Committee* sabiex naraw x'inhu l-aħjar biex l-isem tat-Triq ikompli ma Triq ta' Rqajja u jingħataw numri tal-bibien ġodda.

Il-Kunsillier Kurt Debono ressaq ritratt ta' karozza pparkjata quddiem garaxx fi Triq Ta' Rqajja. Il-kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsillier Kurt jerġa' jkellem lil din il-persuna

għaliex jekk il-Kunsill jagħmel *id-double yellow line* quddiem il-koxox tal-bieb u tal-garaxx, lanqas sid id-dar u l-garaxx ma jkollu dritt jipparkja.

Ma kienx hemm talbiet għal diskussjoni ta' xi korrispondenza.

**3.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.09pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 13 ta' April, 2026 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |